MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1303/2004

**Bernardette Agius**

**Vs**

**Adrian Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attrici talbet il-hlas ta' Lm398.76c (tlett mija u tmienja u disghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Carmel Agius li kien qed isuq il-vettura proprjeta’ ta’ l-attrici qal:

“I was reversing to entering in my garage Mini Bus came straight into my car.”

Il-konvenut qal:

“Car Number LCB 938 was parked in the middle of the road. I was to his right and another car was coming from the left. I stopped. When I started moving he reversed.”

Ra x-xhieda ta’ Carmel Agius fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u jzid illi meta beda jirriversja hares fuq ix-xellug, ra l-Minibus gejja u ghalhekk mexa ftit ‘il quddiem ghax hass li kien ser jghaddi minn warajh. Jghid illi f’dak l-istadju l-konvenut laqat il-*bumper* u l-*mudguard*.

Jghid ukoll illi meta l-konvenut nizel mill-Minibus kien qallu li jekk kellu tort kien lest li jhallsu. Carmel Agius jghid illi qabel il-habta kien diga’ ddritta u kien diehel fil-garaxx. Jaqbel ma’ l-iskizz.

Ra x-xhieda ta’ Adrian Agius fejn jghid illi meta dahal fil-*main road* minn Triq l-Mdina ra Mini wieqfa u vettura ohra wieqfa quddiem din il-Mini. Jghid li l-vettura ta’ quddiem il-Mini kienet ghaddejja minn wara l-vettura ta’ l-attrici. Il-konvenut jikkonferma illi l-vettura ta’ Carmel Agius kienet f’nofs it-triq timblokka l-passagg.

Jghid li wara li ghaddiet il-Mini minn wara l-vettura ta’ Carmel Agius, hu beda jsuq ukoll u gara l-impatt. Jaqbel ma’ l-iskizz.

Jichad illi Carmel Agius saq ‘il quddiem qabel il-habta. Jikkonferma li biex ghadda minn wara l-vettura ta’ Carmel Agius, hu kellu jmur *wrong side*.

It-Tribunal irid jara jekk l-attrici gabitx bizzejjed provi li l-incident gara tort tal-konvenut. Illi r-regolament 67 tal-MVR jipprovdi:

“No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or to other vehicles on the road.”

Fil-kawza **Il-Pulizija Vs J. Aquilina (Qorti Kriminali 12/3/1961)** saret referenza ghas-sentenza tal-Corte di Cassazione ta’ l-Italja fejn gie ritenut:

“La retromarcia di un autoveicolo consituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell’autoveicolo or per altra causa, no e’ in grado di vedera tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra.”
Fil-kawza **Azzopardi Vs Camilleri (PA 11/7/1996)** gie ddikjarat li *driver* miexi b’lura ghandu b’mod l-aktar assidwu jzomm *a proper lookout*.

F’dan il-kaz kien Carmel Agius li kien se jaghmel manuvra ta’ *reverse* fit-triq u ghalhekk kien Carmel Agius li kellu d-dmir li jara li seta’ jaghmel din il-manuvra minghajr ma jostakola karozzi ohra. Illi meta xehed Carmel Agius qal li kien attent biex ma jolqotx il-pilastri li kellu fil-*front garden*.

Fil-kontro-ezami Carmel Agius xehed li meta hares lejn ix-xellug (qabel ma beda jirriversja) ma kienx ra lil Minibus gejja. Carmel Agius qal li ma kienx ra lill-Minibus mal-habta izda rah malli wasal mieghu. Carmel Agius ikkonferma li bil-manuvra li kien qieghed jaghmel ghalaq parti mit-triq.

Jekk kien qieghed attent Carmel Agius kien jara li kien hemm Minibus gejja u ma kienx jirriversja. Illi ezatt wara l-incident Carmel Agius informa l-Warden kif gej: “I was reversing to entering in my garage, Mini Bus came straight into my car”. Carmel Agius ma qalx, kif qal fil-kawza li fil-mument li gara l-habta hu kien qed isuq ‘il quddiem.

Illi huwa veru li l-konvenut mar *wrong side* biex ikompli ghaddej. Il-konvenut mar *wrong side* ghaliex l-attur kien qieghed jostakola l-parti tieghu tat-triq. Il-konvenut kellu d-dover li jimxi bl-attenzjoni izda kien l-attur, li ried jirriversja u kien qed jostakola t-triq li kellu jassigura li l-manuvra tieghu ma jirrizultax f'incident.

Illi fid-dawl tax-xhieda u d-dokumenti ma jirrizultax li l-incident gara tort tal-konvenut.
Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------